



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

---

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

---

**2014/2156(INI)**

22.1.2015

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-Bank Ewropew tal-Investment - Rapport Annwali 2013  
(2014/2156(INI))

Rapporteur għal opinjoni: David Casa

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' d-EUR 9.1 biljun li ntefqu mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) fl-2013 biex jippromwovi t-taħriġ tal-ħiliet u l-opportunitajiet ta' xogħol għaż-żgħażaġh u jinnota li dan jirrappreżenta żieda ta' 50 % fuq il-mira oriġinali, iżda għandu dubji dwar l-adegwatezza ta' dan l-ammont meta jitqies il-fatt li bosta miljuni ta' żgħażaġh huma qiegħda;
2. Jilqa' ż-żieda ta' kapital ta' EUR 10 biljun fl-2013; jaqbel li dan l-istrument jiffaċilita l-investment kontroċikliku; jinnota li tista' tkun meħtieġa żieda ta' kapital addizzjonali;
3. Jemmen li l-proġetti magħżula mill-BEI għandhom mhux biss joffru opportunità li jirkupraw impjiegi u tkabbir, imma wkoll li jindirizzaw l-isfidi ewlenin tas-seklu 21 bħat-tibdil fil-klima, l-indipendenza tal-enerġija, il-kompetizzjoni globali u ż-żieda fl-inugwaljanza;
4. Jemmen li l-fondi tal-BEI jistgħu jagħtu kontribut deċiżiv għat-tkabbir u għall-ħolqien tal-impjiegi jekk jiġu żviluppati strumenti finanzjarji aħjar biex jinkoraġġixxu l-investment privat ferm aktar minn qabel;
5. Jitlob effikaċja akbar, inqas regolamentazzjoni u flessibbiltà akbar fl-allokkazzjoni tal-fondi tal-BEI;
6. Jistieden lill-BEI jinvolvi ruħu fi proċess ta' komunikazzjoni strutturata mal-parlamenti, il-gvernijiet u s-sħab soċjali sabiex jindika fuq bażi regolari dawk l-inizjattivi li jgħolqu l-impjiegi u li jistgħu jgħinu biex tinkiseb żieda sostenibbli fil-kompettività tal-Ewropa;
7. Ifakkar li l-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) jiffurmaw is-sinla tal-ekonomija tagħna u għandhom potenzjal enormi biex jgħolqu l-impjiegi, partikolarment impjiegi għaż-żgħażaġh, u jippromwovu sistema doppja ta' taħriġ vokazzjonali u skemi ta' apprendistat; jenfasizza, għalhekk, li aktar minn 85 % tal-impjiegi ġodda kollha fl-Ewropa jinħolqu permezz tal-SMEs; jirrimarka, madankollu, li s-sistemi doppji ta' taħriġ f'ċerti pajjiżi ma jistgħux jiġu assimilati direttament mingħajr modifiki u għandhom jiġu adattati għar-realtajiet f'kull Stat Membru;
8. Jilqa' l-appoġġ provdut lill-SMEs f'oqsma li fihom ir-rati ta' qgħad fost iż-żgħażaġh huma l fuq minn 25 %;
9. Jilqa' f'dan il-kuntest iż-żieda ta' 50 % fuq l-2012 fil-finanzjament tal-BEI għall-SMEs, li wasslet għas-sosteniment ta' 2.8 miljun impjieg fl-UE; jitlob lill-BEI biex fl-istess ħin jiffranka lill-SMEs burokrazija żejda fil-proċessi amministrattivi u ta' applikazzjoni tiegħu; jinnota bi tħassib il-frammentazzjoni finanzjarja li baqgħet fost l-Istati Membri fl-2013 u 2014 u jfakkar li hija ostakolu estremament kbir għat-tkabbir u s-sostenibbiltà tal-SMEs u għall-possibbiltajiet tagħhom biex jinvestu u jgħolqu l-impjiegi; jitlob aktar

informazzjoni dwar il-finanzjament tal-BEI fl-2013, meta mqabbel ma' dak għall-2012, u l-impatt tiegħu fuq ir-rati tal-impjegj fl-UE;

10. Jirrimarka li l-SMEs jistgħu jiġġeneraw tkabbir qawwi jekk ikun hemm kundizzjonijiet politiċi u finanzjarji favorevoli; jirrimarka li l-SMEs aktar jirnexx ilhom jgħolqu tkabbir u impjeggi jekk ikun hemm opportunitajiet ta' finanzjament favorevoli anke għall-investimenti bi profil ta' riskju ogħla; jikkritika, f'dan ir-rigward, il-fatt li l-BEI ta' spiss aġixxa bħallikieku kien bank privat u applika l-istess kriterji għall-għażla ta' proġetti u rrifjuta proġetti li kienu ta' interess pubbliku imma li ma kinux jidhru li se jipprovdu biżżejjed valur għall-flus; jistieden lill-BEI biex, bħala parti mill-pjan tal-Kummissjoni li jsir investiment f'forma ġdida ta' prosperità, jipprovdi lill-SMEs, lill-mikrointrapriżi u lill-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali b'aċċess simplifikat u garantit għal fondi għal proġetti sostenibbli li jgħolqu l-impjeggi, inklużi proġetti żgħar;
11. Jilqa' l-fatt li l-BEI jindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji tal-Istati Membri każ b'każ, u jenfasizza li l-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri abbażi tad-differenzi tagħhom fl-iżvilupp hija prerekwiżit għall-iżvilupp koerenti tal-UE;
12. Jilqa' l-enfasi li tpoġġiet fuq il-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (kumpaniji b'bejn 250 u 3 000 impjegat), permezz tal-Inizjattiva Mid Cap u tal-Inizjattiva għat-Tkabbir Finanzjarju, li t-tnejn li huma jstimolaw is-self, b'mod partikolari għal Mid Caps innovattivi;
13. Jirrimarka li l-SMEs jistgħu biss jgħolqu tkabbir u impjeggi jekk jingħataw ambjent ekonomiku, favorevoli u stabbli li fih jistgħu jagħmlu dan;
14. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-BEI huwa obligat jiżgura li l-politika dwar it-trasparenza tiegħu tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;
15. Jilqa' l-inizjattiva l-ġdida tal-BEI "Ħiliet u Impjeggi - Investiment fiż-Żgħażaġħ", li tiffoka fuq faċilitajiet ta' finanzjament għat-taħriġ vokazzjonali u l-mobilità tal-istudenti/apprendisti sabiex ttiprovdi liż-żgħażaġh b'opportunitajiet ta' impjeg deġġiem, u jitlob li tingħata aktar attenzjoni lit-taħriġ vokazzjonali u ż-żieda fl-investimenti f'dan il-programm ta' self fis-snin li ġejjin; jemmen, madankollu, li dan il-programm m'għandux jiddevja l-finanzjament lil hinn minn sistema ta' għotjiet kurrenti, b'mod partikolari fir-rigward tal-programm Erasmus+; jenfasizza li l-mobilità għandha titqies bħala opportunità u tibqa' volontarja, u ma ssirx strument li jikkontribwixxi għad-depopolazzjoni u l-marġinalizzazzjoni taż-żoni affettwati mill-qgħad; jitlob li tingħata attenzjoni lil dawk il-proġetti li jippermettu l-ħolqien ta' impjeggi ta' kwalità, b'enfasi speċjali fuq proġetti relatati mal-ħolqien ta' impjeggi għaż-żgħażaġh, filwaqt li jiżdied is-sehem tas-suq tax-xogħol min-nisa, jitnaqqas il-qgħad fit-tul u jittejbu l-possibiltajiet għall-gruppi żvantaġġati biex jiżguraw impjeg;
16. Jilqa' l-esperjenza estensiva tal-BEI fil-finanzjament tal-edukazzjoni u t-taħriġ permezz ta' operazzjonijiet ta' self lill-istudenti mwettqa fl-Ewropa, speċjalment fid-dawl tal-Garanziji ta' Self għall-Istudenti Mobbli tal-Erasmus Master li se jibdedw jitħaddmu mill-Grupp tal-BEI fl-2015; jenfasizza l-importanza ta' regoli ta' rifużjoni vantaġġjużi sabiex is-self ikun kompletament aċċessibbli mill-istudenti, irrispettivament mis-sitwazzjoni

ekonomika li ġejjin minnha;

17. Jenfasizza l-importanza tal-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress fil-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u fl-appoġġ għall-gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari fil-qasam tal-ekonomija soċjali; jissottolinja l-hteġa li jiżdiedu l-isforzi min-naħa tal-istituzzjonijiet Ewropej biex jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, li llum jolqtu 10 miljun persuna aktar milli fl-2010, u jindika li l-għan tal-Istrateġija Ewropa 2020 f'dan il-qasam għadu 'l bogħod milli jintlaħaq; jinnota li l-fenomeni tal-esklużjoni soċjali u finanzjarja ma jaffettwax biss lill-pajjiżi l-fqar iżda jikkonċerna wkoll il-parti l-kbira tal-Istati Membri, irrispettivament mil-livell ta' żvilupp ekonomiku tagħhom;
18. Jistieden lill-BEI jagħti attenzjoni speċjali lill-kriterju tal-ewwel pilastru tal-kontribut għat-tkabbir u l-impjiegi, u b'mod partikolari l-impjieg taż-żgħażaġh, meta jagħżel il-proġetti tiegħu skont il-metodu ta' valutazzjoni tat-tliet pilastri; jenfasizza l-importanza tal-impjiegi, it-taħriġ u l-apprendistati għaż-żgħażaġh bħala parti minn azzjoni lejn mudell sostenibbli li joħloq l-impjiegi;
19. Jistieden lill-BEI jsegwi b'mod aktar ġenerali l-linji gwida demokratikament maqbuli mir-rappreżentanti eletti taċ-ċittadini tal-Ewropa, u f'dan ir-rigward jenfasizza l-hteġa ta' trasparenza akbar u djalogu aktar regolari bejn il-BEI u l-Parlament;
20. Jilqa' l-fatt li l-BEI adotta approċċ imfassal apposta li permezz tiegħu jindirizza s-soluzzjonijiet finanzjarji għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri;
21. Ifakkar fir-rwol ċentrali tal-BEI fil-kontribut tiegħu fl-implimentazzjoni tal-pakkett ta' investiment ambizzjuż ta' EUR 300 biljun imwiegħed mill-President il-ġdid tal-Kummissjoni, Jean-Claude Juncker, u jitlob lill-BEI jħabbar malajr kemm jista' jkun it-tipi ta' proġetti taħt il-ġestjoni tiegħu bħala parti minn dan il-pakkett, flimkien mal-għanijiet tiegħu u kif se jiġu ffinanzjati;
22. Jemmen li l-investimenti magħżula mill-BEI u li jaqgħu taħt il-pakkett ta' investiment il-ġdid għandhom jiġġeneraw riżultati esterni pożittivi ċari għas-soċjetà kollha kemm hi, pjuttost milli għal xi setturi speċifiċi; jemmen li l-investimenti mhux biss għandhom jirriżultaw f'żieda fl-impjiegi ta' kwalità u tkabbir ekonomiku, iżda għandhom ukoll imexxu s-soċjetà tagħna 'l quddiem;
23. Jitlob lill-BEI jiprijoritizza l-investimenti fit-tranżizzjoni tal-enerġija, fit-tibdil fil-klima, fl-ekonomija diġitali u fil-kapital uman sabiex jiġu indirizzati l-isfidi tal-futur u tingħata sura ġdida lill-industrija Ewropea;
24. Ifakkar fl-impenn tal-Viċi President Katainen li jiżdied il-potenzjal tal-BEI fir-rigward mhux biss tal-infrastruttura iżda wkoll fir-rigward tal-impjiegi u l-edukazzjoni taż-żgħażaġh, u jitlob lill-BEI jirrapporta l-progress li sar f'dan il-qasam fir-rapport annwali tiegħu li jmiss; jemmen li l-miżuri għall-impjieg taż-żgħażaġh li diġà nbdew għandhom ikunu implimentati aktar malajr u jkunu estiżi progressivament;
25. Jemmen li l-BEI għandu jinvesti sostanzjalment f'miżuri li joħolqu impjiegi sostenibbli għall-ġenerazzjoni żagħżuġha, minbarra dawk li diġà tnedew taħt l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ;

26. Jilqa' l-intenzjoni tal-BEI li jħeġġeġ l-innovazzjoni, it-taħriġ u l-investiment sabiex jistimola t-tkabbir ekonomiku u jinħolqu l-impjiegi;
27. Jitlob titjib fil-proċess ta' trasparenza tal-BEI, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni tiegħu mill-Parlament, sabiex l-MEPs ikunu jistgħu jkunu konxji mill-attivitajiet u l-proġetti ġestiti mill-Bank;
28. Jitlob lill-BEI jieħu rwol ewlieni fl-iffinanzjar tal-pjan għal investiment f'forma ġdida ta' prosperità li tnieda mill-Kummissjoni; jistenna, f'dan il-kuntest, li l-bank iqiegħed fondi disponibbli għall-SMEs u l-mikrointrapriżi u jiżgura li l-investiment ikun indirizzat biex jiġġenera benefiċċji għas-soċjetà b'mod ġenerali;
29. Jitlob lill-BEI jagħmel użu sħiħ mir-rwol tiegħu bħala mutur li jistimola l-irkupru ekonomiku abbażi ta' tkabbir sostenibbli u favorevoli għall-ambjent.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.1.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 48 -: 0 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Laura Agea, Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Vilija Blinkevičiūtė, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Ole Christensen, Martina Dlabajová, Elena Gentile, Arne Gericke, Marian Harkin, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Zdzisław Krasnodębski, Jérôme Lavrilleux, Verónica Lope Fontagné, Javi López, Thomas Mann, Dominique Martin, Anthea McIntyre, Joëlle Mélin, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Marek Plura, Terry Reintke, Sofia Ribeiro, Maria João Rodrigues, Claude Rolin, Anne Sander, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Romana Tomc, Yana Toom, Ulla Tørnæs, Marita Ulvskog, Renate Weber, Tatjana Ždanoka, Jana Žitňanská
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Daniela Aiuto, Georges Bach, Lynn Boylan, Elmar Brok, Karima Delli, Helga Stevens, Tom Vandenkendelaere